MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1036/2013

**Sandra Mazzelli (K.I. 85181M) u Alan Pace (K.I. 398776M), a nom u in rapprezentanza tal-minuri Jayden Pace u Neil Pace**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Sandra Mazzelli (K.I. 85181M) u Alan Pace (K.I. 398776M), a nom u in rapprezentanza tal-minuri Jayden Pace u Neil Pace datat 31 ta' Ottubru 2013, fejn esponew: -

Illi miz-zwieg tal-esponenti huma kellhom zewgt itfal bl-ismijiet Jayden Pace illi twieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u Neil Pace illi twieled fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2009.

Illi fl-att tat-twelid tal-minuri Jayden Pace li jgorr in-numru progressiv 2157 tas-sena 2008 (anness u mmarkat bhala DOK SM1) u fl-att tat-twelid tal-minuri Neil Pace illi jgorr in-numru progressiv 3400 tas-sena 2009 (anness u mmarkat bhala DOK SM2) il-kunjom tal-minuri gie ndikat bhala 'Pace'.

Illi meta marru sabiex jirregistraw lill-minuri Jayden, bi zball u minhabba l-eccitament illi l-kopja kellhom il-partijiet irregistraw lill-minuri 'Jayden Pace'.

Illi wara dan l-izball huma gew kostretti illi meta twieled il-minuri Neil, huma jirregistraw lill-minuri bhal huh u cioe` 'Neil Pace'.

Illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-minuri Jayden u Neil jiehdu l-isem 'Jayden Pace Mazzelli' u 'Neil Pace Mazzelli'.

Ghaldaqstant jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemmenda l-att tat-twelid tal-minuri billi jigu annotati illi il-minuri huma maghrufin bhala Jayden Pace Mazzelli u Neil Pace Mazzelli, u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 5 ta' Frar 2014 (fol 16) fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-atturi ghandhom jispecifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qieghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponenti jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li l-atturi jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi qeghdin jorbtu l-proceduri istanti;

3 Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4 Illi *inoltre* fit-talba taghhom ir-rikorrent ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrenti fuq l-atti tat-twelid. Huwa id-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi atti tal-i*status* civili *a tenur* tal-artikolu 236 tal-Kap 16. It-talba kif postulata kellha issir fis-sens li din "l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-atti tat-twelid ta' ulied ir-rikorrenti";

5 Illi bla pregudizzju ghal premess, u kif *del resto* ikkonfermaw ir-rikorrenti stess fir-rikors promotur dan kien zball min-naha taghhom u ghalhekk l-esponent jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent. Di fatti d-dikjarazzjoni fuq l-atti tat-twelid ta' ulied ir-rikorrenti, annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok B rispettivament, saret mir-rikorrenti Alan Pace stess fejn gie ddikjarat li d-dettalji mnizzla fuq l-istess atti huma korretti u accetta li l-informazzjoni hija wahda tajba. Kwindi l-esponent m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta’ Frar 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret Dr Roberta Spiteri ghar-rikorrenti prezenti fl-Awla, u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. B’ referenza ghar-raba’ eccezzjoni ssollevata mill-intimat, id-difensur tar-rikorrenti tablet li ssir korrezzjoni tat-talba kif maghmula fis-sens li wara l-kunjom “Mazzelli” jizdiedu l-kliem “u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija rikjesta fl-atti tat-twelid tal-minuri”. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni tat-talba f’ dan is-sens. L-intimat ta ruhu b’ notifikat bir-rikors kif korrett. Id-difensur tar-rikorrent talbet li jkollha zmien biex tressaq il-provi taghha b’ affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba u geddedt it-terminu moghti fid-digriet taghha tat-13 ta’ Novembru 2013, u ordnat lir-rikorrenti sabiex tressaq l-affidavits attrici fi zmien tletin (30) gurnata minn dan id-digriet bil-*visto* tal-kontro-parti; u rat il-verbali tas-seduti l-ohra nkluz dak tas-seduta tal-20 ta’ Mejju 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Roberta Spiteri u l-attrici msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr. Cordina qaghad fuq l-affidavit u l-punti ssollevati minnu fir-risposta guramentata u talab li r-rikors jibqa’ ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet u t-talba u hallliet il-kawza ghas-sentenza ghall-10 ta’ Lulju 2014.

Rat ir-rikors ta’ Sandra Mazzelli (K.I. 85181M) u Alan Pace (K.I. 398776M), a nom u in rapprezentanza tal-minuri Jauden Pace u Neil Pace datat 20 ta’ Mejju 2014 fejn l-esponenti talbu illi l-ewwel talba tar-rikors promotur ghandha tigi korretta minimament fis-sens illi minflok taqra “**Tordna l-korrezzjoni ta’ isem il-minuri fic-certifikat tat-twelid sabiex isimhom jkun Jayden Pace Mazzelli u Neil Pace Mazzelli”** din tigi korretta ghal **“Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemmenda l-att tat-twelid tal-minuri billi jigi annotat illi l-minuri huma maghrufin bhala Jayden Pace Mazzelli u Neil Pace Mazzelli”**, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

u l-Qorti, billi t-talba odjerna mhux ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni laqghet it-talba, u ordnat komunika tar-rikors u digriet lill-intimat fi zmien erbat ijiem minn dan l-istess digriet moghti fid-29 ta’ Mejju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi, permezz ta' din il-kawza, qed jitolbu li ssir korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' uliedhom minuri Jayden u Neil, ahwa Pace, billi wara l-kunjom 'Pace' jizdied il-kunjom ta' l-omm, cioe` 'Mazzelli'.

Illi qabel xejn il-Qorti hija sodisfatta li l-pubblikazzjoni rikjesta skont l-artikolu 254 tal-Kap.16 saret (fol.13).

Illi t-talba odjerna hija ghal zieda ta' kunjom senjatament il-kunjom tal-omm, mal-kunjom tal-missier. L-atturi qed jitolbu li zball li jghidu li ghamlu jigi sanat b'korrezzjoni tal-att ta' twelid ta' uliedhom *ai termini* tal-art. 253 *et.sequitur* tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat ċivili.

Bhala principju, kif gie insenjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku"*** (PAPS - dec fit-30 ta' Gunju 2004) "*Dan premess, jidher in linea ta’ principju komunement accettat illi l-isem u l-kunjom li bihom persuna hi konoxxuta skont il-precitati atti ma jistghux jigu modifikati,*

*hlief meta xort’ ohra provvdut mil-ligi nnifisha. Dawn il-modifiki, meta konsentiti espressament mil-ligi, huma previsti f’ dawk ic-cirkostanzi korrelatati maggorment ma’ rapport familjari. Hekk per ezempju fil-kaz ta’ zwieg fejn hu konoxxut lil mara li tiehu kunjom zewgha jew li zzid dan il-kunjom ma’ kunjom xbubitha (Artikolu 4 (1) u (2) tal-*

*Kodici Civili);"*

Illi jirrizulta mir-rikors guramentat li l-partijiet huma mizzewgin u ghalhekk japplikaw ghal kunjom uliedhom id-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li, fis-subinciz (3) jiddisponi hekk:

*"(3) Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jiżdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha."*

Dan l-artikolu gie ammendat bl-att XXI tal-1993 li rreveda l-Kodici Civili bil-ghan li jigu eliminati u rimedjati disposizzjonijiet diskriminatorji kontra l-mara mizzewga.

Fil-kaz odjern, l-atturi jghidu li hadu zball meta irregistraw il-kunjom ta' uliedhom u "*bl-eccitament li kellhom"* irregistraw l-ewwel lill-Jayden bhala Jayden Pace u sussegwentement, biex ma jkunx hemm distinzjoni bejn it-tfal, irregistraw lil binhom Neil, ukoll bil-kunjom Pace. Missier il-minuri stqarr li "*Meta rregistrajt il-minuri Jayden, kont taht l-impressjoni li huwa kien ser jigi registrat taht il-kunjom tal-mara ukoll. Kien hemm xi zball illi jien dak il-hin ma ndunajtx bih."*

Izda kif ikkonferma l-intimat Direttur, huma l-genituri li jiddikjaraw b'liema isem u kunjom jridu li uliedhom ikunu mgharufa u din id-dikjarazzjoni hija moqrija lid-dikjarant sabiex jivverifika l-korrettezza taghha qabel ma jiffirma l-att. Fil-kaz odjern, l-attur iffirma ic-certifikati ta' twelid fiz-zewg istanzi u din il-firma tfisser adezjoni ghall-kontenut tal-att.

L-atturi jghidu li din id-dikjarazzjoni hija zbaljata. Din il-Qorti tifhem li l-element uman jista' iwassal ghall-zball, anke minhabba nuqqas ta' informazzjoni u komunikazzjoni u hija soddisfatta li, fic-cirkostanzi, l-attur ha zball meta rregistra lit-tfal bil-kunjom biss ta' Pace. Innotat ukoll li l-kunjom tal-omm fuq l-istess certifikati tat-twelid hu mnizzel bhala 'Pace Mazzelli.'

Fil-kaz odjern, il-ligi stess tirrikonoxxi li l-ulied jistghu ikollhom zewg kunjomijiet - tal-missier u tal-omm rispettivament. Ghalhekk it-talba tal-atturi mhiex kontra l-Ligi. Anzi l-legislatur introduca tali emmendi appozitament b'applikazzjoni tal-principju tal-ugwaljanza bejn ir-ragel u l-mara fiz-zwieg. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota li l-affidavits esebiti li jaffermaw li t-tfal huma maghrufin bhala "*ta' Mazzelli*" huma superfluwi u ma jaghmlu l-ebda sens guridiku. Il-Qorti tifhem li *ta' Mazzelli* huwa biss sopranom socjali li m'ghandu l-ebda effett legali. It-tfal twieldu fiz-zwieg u l-ewwel kunjom taghhom legalment huwa 'Pace.'

Fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' t-talba attrici billi hija gustifikata fis-sens fuq spjegat. Ovvjament l-intimat Direttur m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri peress li l-izball kien dovut ghall-mankanza tal-atturi.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi:

**1. Tilqa'** l-ewwel talba attrici fis-sens li tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemmenda l-att tat-twelid tal-minuri billi jigi annotat illi l-minuri huma maghrufin bhala Jayden Pace Mazzelli u Neil Pace Mazzelli.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------